MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2006

Numru 298/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Carlo Ellul**
**V**

**MOHAMMED TENSI**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **MOHAMMED TENSI** ta' hamsa w ghoxrin sena bin Mourad u Linda nee Aitahab, imwieled l-Algerija nhar s-sbatax ta' Marzu 1981 u presentement mizmum fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli fil-hamsa w ghoxrin ta' Ottubru 2005, ghal habta tal-hdax neqsin kwart ta' filghodu, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt billi pprova jahrab minn post ta' kustodja jew ta' piena jew minn xi sptar fejn kien qieghed ghal kura jew osservazzjoni jew mill-kustodja tal-persuna jew persuni nkarigati mill-kustodja tieghu;

2. talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, pprova jahrab mill-kustodja tal-persuna jew tal-persuni [specifikatament SRT Officer 85 Godwin Agius u CO 154 Christopher Farrugia] inkarigati mill-kustodja tieghu;

3. talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubbliku kontra SRT Officer 85 Godwin Agius u CO 154 Christopher Farrugia, persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li dawn kienu qed jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ordni moghtija skond l-ligi minn awtorita kompetenti;

4. talli fl-istess data, lok u hin, hebb kontra persuni sabiex jingurjhom, idejjaqhom jew jghamel hsara lilhom jew lil haddiehor kemm il-darba l-fatt ma jkunx jaqa taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali;

5. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr l-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkaguna griehi hfief fuq l-istess persuni hawn fuq imsemmija liema persuni huma ufficjali pubblici jew kienu nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku kif gew iccertifikati minn Doctor J. Agius Muscat MD;

6. talli fl-istess data, lok u hin, voluntarjament ghamel hsara jew gharraq l-uniformi tal-istess ufficjali liema hsara teccedi l-ghaxar liri maltin izda inqas minn hamsin lira maltin ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esbiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat erbgha ta' April 2006 esibit bhala document CSH a fol 9 tal-atti, sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta ta' nhar l-erbgha w ghoxrin ta' April 2006 [fol 13] li ma kellux oggezzjoni li

din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni kif wkoll lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta ta' nhar s-sitta ta' Novembru 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' April 2006, **xehed l-Ispettur Carlo Ellul** [fol 14] fejn qal li fil-hamsa w ghoxrin ta' Ottubru 2005, il-pulizija tad-distrett tal-Hamrun ircivew rapport minghand SRT Officer 85 Godwin Agius u CO 154 Christopher Farrugia, li kienu skorta tal-imputat hdejn il-physiotherapy department tal-isptar San Luqa fejn allegaw li l-imputat ipprova jaharbilhom meta mar hdejn tieqa u ma hallewhx, hebb ghalihom u ma qaghdx ghal arrest taghhom u ma obdiex l-ordni taghhom ghaliex beda jxejjer l-krozzi li kellu f'idejh lejhom u laqathom u b'hekk garrbu xi griehi ta' natura hafifa.  Allegaw wkoll li kellhom certifikat minghand t-tabib dwar dan.   Qal li hu kien tkellem mal-imputat aktar tard fejn kien cahad mieghu li kien ipprova jahrab mill-kustodja taghhom.  Qallu li wiehed mill-membri tal-SRT fil-fatt kien imqabbad mieghu u beda jhares lejh b'certu mod u dan ghaliex hu kien ipprova jahrab darb'ohra qabel, w issuspetta hazin fih u kellhom xi argument.  L-imputat ammetta li kellhom argument u li rresistihom pero m'ammettiex li kien ser jahrab mill-kustodja taghhom.  Mistoqsi jekk jafx li l-imputat kien gie ezaminat wara dan l-incident, x-xhud wiegeb li kien jaf u fil-fatt Doctor Grech kien irrilaxxja certifikat mediku fil-konfront tieghu.

Illi nhar l-hamsa ta' Mejju 2006, **rega' xehed l-Ispettur Carlo Ellul** [fol 31] fejn esibixxa CD li giet mmarkata bhala dokument CD, li giet moghtija lilu mill-Facilita Korrettiva ta' Kordin dwar l-incident li sehh nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Ottubru 2005 bejn l-imputat odjern u z-zewg ufficjali tal-habs fejn jidhru l-griehi li sofrew z-zewg ufficjali.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' April 2006, **xehed PS 201 Sandro Magro** [fol 16] fejn esibixxa l-okkorrenza relattiva dwar l-incident li sehh nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Ottubru 2005 li giet mmarkata bhala dokument PS [fol18].

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' April 2006, **xehed SRT CO 85 Godwin Agius** [fol 21] fejn qal li fil-hamsa w ghoxrin ta' Ottubru 2005, hu kien skorta mal-imputat presenti fl-awla. Qal li meta kienu qed jistennew l-vann biex johodhom lura l-Facilita Korrettiva ta' Kordin, l-imputat ipprova jahrab billi gera madwar tlett metri u huma grew warajh mill-ewwel. Qal li l-imputat qabad il-krozzi li kellu f'idejh u beda jxejjirhom fid-direzzjoni tieghu. Qal li l-imputat qattalu wkoll l-uniformi u baqa jirresisti sakemm zammewh. Qal li hu kien spicca l-poliklinika fejn gie ezaminat minn Doctor Joseph Agius Muscat.

Ix-xhud ikkonferma c-certifikat mediku esibit fl-atti. Qal li bhala hsarat fl-uniformi, dawn kienu jikkonsistu fi tqattiegh tal-flokk u l-qalziet. Qal li appena mar biex izomm lil imputat milli jahrab, hu beda jxejjer bil-krozzi u jaghtih b'idejh. Qal li l-imputat laqtu fuq xofftejh u fuq saqajh bil-krozzi w ghamillu ferita f'nofs siequ u ohra f'ghonqu. Qal li l-imputat kellu l-krozzi fuq ordni ta' tabib peress li ma kienx hemm *wheelchair*. Mistoqsi kemm kien ilu li kiser siequ l-imputat, x-xhud m'gharafx iwiegeb.

Illi nhar t-tmintax ta' Ottubru 2006, **rega' xehed SRT CO 85 Godwin Agius** [fol 66] fejn qal li dakinhar tal-incident, l-imputat kien bil-krozzi u kienu ghadhom kemm haduh ghand physiotherapist. Qal li kienet l-ewwel darba li hu kien mar mieghu ghand physiotherapist. Qal li meta beda jxejjer l-krozzi fid-direzzjoni taghhom, beda jheddidhom li jekk jersqu lejh, jodrobhom. Qal li dan ghamlu kiesah u biered. Qal li hu fehem li ried jahrab ghaliex ghalkemm kien bil-krozzi, xorta wahda gera xi tlett jew erbgha metri. Qal qabel l-incident saqajh kienu tajbin pero wara l-incident spicca b'gerha f'siequ u bil-qalziet imqatta u xofftejh bil-girehi fost griehi ohra.

Mistoqsi jekk l-imputat kellux xi griehi, x-xhud wiegeb li minn naha tieghu zgur li ma kellux. Qal li

sussegwentement dahal fil-habs mill-*prison van* u rah xi tabib. Qal li hu kien cert li sakemm dahal lura l-habs l-imputat ma kellu ebda griehi f'wiccu. Mistoqsi jekk l-imputat waqafx minn jeddu jaggredihom, x-xhud wiegeb fin-negattiv. Zied jghid li appena hadulu l-krozzi minn idejh, beda jirresisthom sakemm gie manettjat. Cahad dak allegat mid-difiza li l-imputat kien staqsihom biex imur jistrieh fuq il-hogor tat-tieqa, anzi qal li hu kien qallu biex joqghod bil-qeghda gewwa pero hu qal li ried johrog barra biex ipejjep sigarett u hu hareg mieghu barra u qala l-krozzi minn taht idejh u telaq jigri.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' April 2006, **xehed SRT CO 154 Christopher Farrugia** [fol 23] fejn qal li nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Ottubru 2005, hu, flimkien ma CO 85 Godwin Agius, kienu skorta tal-imputat odjern. Qal li meta kienu barra jistennew il-vann, ghal habta tal-hdax neqsin kwart ta' filghodu, l-imputat qabad u nehha l-krozzi minn idejh u gera ghal madwar tlett metri u qalilhom biex ma jersqux lejh ghaliex jodrobhom. Qal li huma xorta marru warajh biex jaqbduh, pero hu beda jxejjer l-krozzi bl-addocc. Qal li CO 85 Agius tajjarlu l-krozzi minn idejh u hu mar jghinu jzommu. Qal li l-imputat irresista l-arrest u fl-ahhar irnexxielhom jimmanettjawh u haduh lura l-habs.

Mistoqsi jekk sofriex xi feriti, x-xhud wiegeb li spicca b'ugigh f'idejh meta pprova jzomm lil imputat. Qal li hu mar l-poliklinika ta' Rahal Gdid u t-tabib irrilaxxjalu certifikat mediku li jinsab esibit fl-atti bhala dokument CSH 2. Mistoqsi kemm kienu nies li zammew lil imputat dakinhar, x-xhud wiegeb li kienu hu u CO 85 Godwin Agius w t-tnejn gew aggrediti minnu. Mistoqsi x'tip ta' forza uzaw biex izommu lil imputat, x-xhud wiegeb li uzaw forza minima pero l-imputat baqa jirrestistihom. Qal li l-krozzi kienu gia nehhewhomlu minn idejh meta kien qed jirresistihom u hu telaq jigri minghajr krozzi li jfisser li allura seta' jimxi minghajrhom. Qal li l-kollega tieghu sofra griehi bil-krozzi tal-imputat. Qal li l-imputat filli kien bil-krozzi f'idejh hdejhom, filli telaq jigri minghajrhom. Qal li meta marru jigru warajh, l-imputat gholla krozz lejhom u beda jxejjirha bl-addocc u laqat lil kollega tieghu waqt li qalilhom biex ma jersqux lejh ghaliex kien jodrobhom.

Illi nhar t-tmintax ta’ Ottubru 2006, **rega’ xehed SRT CO 154 Christopher Farrugia** [fol 68] fejn qal li l-incident sehh barra mid-dipartiment ta’ physio therapy, waqt li kienu qed jistennew il-vann jigi mill-habs. Qal li l-imputat kellu problemi f’saqajh u kien qed juza l-krozzi w ghalhekk kellu bzonn imur l-isptar. Qal li kien minnu li qabel l-incident l-imputat kien qed jimxi bl-ghajnuna tal-krozzi. Qal li huma fl-ebda hin ma qalilhom biex iserrah ma x’imkien. Qal li hu minn jeddu qabad u nehha l-krozzi u jitlaq jigri w gholla l-krozzi fid-direzzjoni taghhom. Qal li meta telaq jigri, huma marru ghal warajh biex jaqbduh, u hu dar ghal fuqhom w ghamel krozza fid-direzzjoni taghhom biex ma jersqux lejh. Qal li siehbu mar ghalih u pprova jzommu, pero l-imputat beda jxejjer l-krozzi u CO 85 Godwin Agius beda jipprova jzommu milli jaghmel hekk. Qal li l-imputat, ghalkemm kien ghadu kemm gie mill-physiotherapy, kien bniedem b’sahhtu. Qal li damu xi hames minuti biex irnexxilhom izommuh ghaliex hu baqa jissielet maghhom. Qal li l-imputat wara li spicca dan l-incident ma kellu ebda tbengil anke sakemm kien fil-vann maghhom.

Illi nhar l-hamsa ta’ Mejju 2006, **xehed Doctor Joseph Agius Muscat** [fol 27] fejn ikkonferma li nhar l-hamsa w ghoxrin ta’ Ottubru 2005, hu kien ezamina lil Godwin Agius ghal habta ta’ nofsinhar fil-Poala Health Centre. Ikkonferma li Godwin Agius kellu girfa twila madwar hames centimetri fuq l-aspett anterjuri tal-koxxa n-naha tax-xellug w abrazjoni ta’ circa nofs centimetru dijametru fuq n-naha anterjuri tal-lemin. Qal li hu kien rrilaxxja certifikat mediku li jinsab esibit bhala dokument CSH 3 fl-atti. Ix-xhud ikkonferma l-firma tieghu fuq dan c-certifikat mediku. Qal li dakinhar stess hu kien ezamina lil Christopher Farrugia ghal habta ta’ nofsinhar w ghaxra fejn sab li kien qed isofri minn ugiegh fuq il-polz tax-xellug u s-saba’ l-kbir tal-id ix-xellugija. Qal li hu rrilaxxja certifikat mediku fil-konfront ta’ Christopher Farrugia li jinsab esibit fl-atti bhala dokument CSH 2 fejn wkoll ikkonferma l-firma tieghu fuqu.

Illi nhar l-hamsa ta' Mejju 2006, **xehed PS 276 Bernard Zahra** [fol 29] fejn meta gie muri d-dokument CSH 4 [fol 12] ikkonferma li d-danni fuq l-uniformi ta' CO 85 Godwin Agius jammontaw ghal tmienja w ghoxrin lira. Qal li hu nkarigat mis-sugurta tal-habs u wara l-incident hu kien gabar il-prezzijiet tal-uniformi in kwistjoni.

Illi nhar t-tnax ta' Gunju 2006, **xehed Dottor Stephen Farrugia Sacco** [fol 35] fejn in segwitu ghad-digriet tal-Qorti tal-hamsa ta' Mejju 2006 sabiex jezamina d-dokumenti u johrog print out tal-persuni ndikat bil-feriti fuqhom, qal li kien hemm tnax il-file li gew stampati. Hu esibixxa r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument SFS.

Illi nhar s-sitta ta' Ottubru 2006, **xehed Doctor David Grech** [fol 63] fejn qal li hu ezamina lil Mohammed Tensi l-imputat odjern nhar s-sitta w ghoxrin ta' Ottubru 2006. Qal li lejliet dan kien gie ezaminat mill-kollega tieghu Doctor Matthew Mifsud. Qal li dakinhar li ezaminah hu, irriskontra grif zghir fuq mohhu kif wkoll fuq hugbejh n-naha tax-xellug u tbengila zghira fuq il-*bridge* tal-imnieher. Qal li l-qurrieha kienet *tender* u kienet tugghu pero ma hass ebda tbengil fuqha. Qal li hu jikklassifika dawn il-griehi bhala ta' natura hafifa. Qal li setgha kien il-kaz li l-imputat giref wiccu stess, setgha wkoll kien involut fi glieda u setgha wkoll waqa. Mistoqsi jekk t-tbengil hux kompatibbli ma daqqa ta' ponn, ix-xhud wiegeb li dan setgha kien. Qal li t-tbengila fuq l-imnieher wkoll kienet kompatibbli ma daqqa ta' ponn. Qal li l-grif li l-imputat kellu fuq wiccu ma kienux jidhru li kienu *scratch marks* u setgha kien hemm *friction* tal-wicc ma *abrasive surface*. Qal li mill-history file li kellu f'idejh setgha jikkonferma dak lil rriskontra Doctor Matthew Mifsud u qal 'after physical examination only minor bruises and tenderness in face and head were revealed.'

Illi nhar t-tmintax ta' Ottubru 2006, **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 70] fejn qal li fil-present hu jinsab jiskonta sentenza fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Qal li waqt li kien l-habs kellu saqajh t-tnejn miksura ghaliex kien waqa tlett sulari fis-sena 2005, u fil-fatt

wahda minnhom kienet ghaqdet hazin w ghamel xahrejn f'wheelchair u wara beda jimxi bil-mod bil-krozzi. Qal li dakinhar tal-incident hu kien l-isptar biex jara physiotherapist w is-soltu, wara li jkun ghamel l-esercizzji mal-physiotherapist, jhossu ghajjien w ghalhekk appena johrog mid-dipartiment, ipoggi fuq tieqa biex jistrieh. Qal li dakinhar tal-incident, kif hareg, kien ser imur jaghmel l-istess u cioe jpoggi fuq il-hogor tat-tieqa u lill-iskorta li kienu mieghu ma kienx qalilhom li kien ser ipoggi hemmhekk, peress li s-soltu hekk jaghmel. Qal li mhux dejjem l-istess persuni jeskortawh l-isptar. Mistoqsi mid-difiza jekk Godwin Agius kienx l-ewwel darba li akkumpanjah l-isptar, ix-xhud m'gharafx iwiegeb. Qal li appena ghamel l-ewwel pass jew tnejn, l-iskorta staqsewh fejn kien sejjer u qalilhom li kien ser imur jistrieh fuq il-hogor tat-tieqa u qalulu biex joqghod hdejhom u ma jistrieh xejn. <u>Qal li hu ma tax kazhom</u>, peress li s-soltu qatt ma jistaqsih hadd domanda simili w ghalhekk haseb li ghamlu hekk biex jimpikaw mieghu. Qal li hu kien ilu erbgha snin il-habs u ma kellux relazzjoni tajba mal-iskorta. Qal li l-vann tal-habs gieli dam nofs siegha biex jigbru mill-isptar, u kien hemm kazi li dam siegha w nofs w anke saghtejn u kien ghalhekk li hu kien sejjer jistrieh fuq hogor t-tieqa.

Kompla jghid li appena qalilhom 'u x'ma nmurx!' CO 85 Godwin Agius qabdu minn ghonqu, mill-flokk u gibdu lura. Qal li dak l-hin hu dar fuqu u tah daqqa bil-krozzi fuq siequ. Qal li hu fl-ebda hin ma kellu intenzjoni li jahrab, qal li bil-kemm setgha jimxi sew ahseb w ara jahrab. Cahad dak li allegat l-prosekuzzjoni li hu darba kien ipprova jahrab mid-Depot w ghalhekk kien qabez tlett sulari u mhux waqa. Qal li hu kien waqa mhux qabez, ghaliex hu kien rabat habel biex jinzel mieghu biex jahrab mid-Depot, u kif qabad mieghu, inqata u waqa tlett sulari. Cahad dak li qalu l-iskorta li hu telaq jigri ghaliex hu mexa xi zewg passi biss. Qal li fil-fehma tieghu CO 85 Godwin Agius kien qed jivvinta li hu pprova jahrab u dan peress li hu kien ipprova jahrab darb'ohra qabel d-Depot. Qal li hu kien xejjer daqqa bis-sahha lil CO 85 Godwin Agius meta gibdu mill-flokk.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tiddependi bis fuq il-kredibilita tax-xhieda w ghalhekk il-kompitu ta' din il-Qorti huwa biss li tezamina x-xhieda mismugha u tara jekk ghandhix mis-sewwa jew le.

Dwar l-ewwel akkuza, u cioe dik li harab minn post ta' kustodja ai termini tal-artikolu 152 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dak li hu rikjest f'dan l-artikolu 152 tal-Kap 9, huwa li hemm persuna mizmuma b'ordni ta' xi awtorita bhal ma hi l-Qorti jew detenuta pendenti proceduri kontriha mizmuma f'xi post ta' kustodja jew f'xi post fejn qieghed jiskonta xi piena, liema persuna, bl-uzu ta' vjolenza fuq persuna ohra, jirnexxilha tohrog minn dak l-post fejn tkun qed tinzamm.

**Antolisei** fil-ktieb tieghu ***Manuale di Diritto Penali - Parte Speciale II Nona Edizione A. Guffre Edizione 1986*** jghid:

"*Non e' agevole determinare in modo prattico il momento consumativo di questo reato. Riconosciamo, per altro, che su questo punto delicato, molto rimane affidato al prudente apprezzamento del giudice*."

Dan ifisser li hu importanti li l-Qorti tghid x'inhu fil-fehma taghha il-mument meta jigi kontemplat dan r-reat.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan r-reat isir biss meta l-evaziv effettivament jirrnexxielu jottjeni l-liberta tieghu, anke jekk ghal ftit hin biss u cioe meta jallontana ruhu mill-post fejn hu detenut legalment.

Il-**Professur Mamo** fin-***Noti*** tieghu u li hu ha minghand il-**Carrara** - ***Il Programma, Vol. V, (para. 2811 et seq)*** u cioe':

"*In the case of breach of a place of custody or punishment, however, the crime is completed so soon as the prisoner breaks out of his place of custody, even though the actual escape may have been detected and prevented in time.*"

**Antolisei** fil-ktieb tieghu ***Commento su Codice Penale*** [Cass. 14.1.1974 in Giur. it 1975. 11.118] jghid hekk:

*“In linea generale si puo dire che il delitto e’ consumato quando l’arrestato o il detenuto sia riuscito a sottrarsi completamente allo sfero di custodia nella quale si trovava, nel senso che noe e’ necessario la fuga.”*

Issa, f’dan il-kaz il-prosekuzzjoni qed tighid li l-imptuat allontana ruhu ingustament mill-gwardjani tal-habs li kienu skorta mieghu billi beda jigri u kien biss bl-intervent taghhom li l-imputat waqaf. Fil-fatt l-imputat ex admissis jghid li hu ma tax kazhom [b’referenza ghal gwardjani] meta dawn staqsewh fejn kien sejjer. Kien biss meta mmanettjawh u hadulu l-krozzi minn idejh li s-sitwazzjoni giet taht kontroll w ghalhekk ma hemmx dubbju li r-reat ma giex kkonsmat minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu izda bl-arrest tieghu maghmul minn ufficjali li kienu skorta mieghu.

Id-difiza irribadiet billi stqarret li ma kienx possibbli li l-imputat jahrab ghaliex kellu l-krozzi. Dan r-ragunament, fil-fehma tal-Qorti, huwa fjakk ghaliex l-unika *via di scampo* ma kienx biss ta’ giri, izda li jallontana ruhu mill-gwardjani, imbaghad kien hemm mitt cirkostanza ohra li l-imputat seta’ jiltaqa maghhom.

Illi ghalhekk f’dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti tiddikjara li qed issib lil imputat hati t’attentat ta’ harba mill-habs.

Il-Qorti ezaminat l-artikolu 152 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe jekk kienx hemm aggravju fil-harba u jirrizulta mill-provi mismugha, li l-imputat ittanta jahrab mill-kustodja tal-gwardjani billi ghamel vjolenza fuq il-persuna ta’ CO 85 Godwin Agius. Ma hemmx dubbju li l-imputat ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna tieghu kif deskritti minn Doctor Joseph Agius Muscat. In oltre, l-istess imptuat kkaguna hsara voluntarja fl-uniformi tal-gwardjan skond ma xehed PS 276 Bernard Zahra, din kienet tammonta ghal tmienja w ghoxrin lira maltin.

Illi l-akkuzi ta’ resistenza, billi hebb ghal ufficjal tal-habs CO 85 Godwin Agius u CO 154 Christopher Farrugia kif wkoll dik ta’ ingurji, jirrizultaw wkoll.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 41(a), 152, 151, 96, 339(d), 325(b) u 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed ssib lil imputat MOHAMMED TENSI hati tal-akkuza t’attentat ta’ harba minn post ta’ kustodja, talli rresista bi vjolenza lil ufficjali nkarigati minn servizz pubbliku, talli ngurja u dejjaq lil istess ufficjali pubblici, talli kkaguna hsara voluntarja fl-ammont li ma jeccedix l-hamsin lira u talli kkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ CO 85 Godwin Agius u mhux hati talli kkaguna ferita ta’ natura hafifa fuq l-persuna ta’ CO 154 Christopher Farrugia mill-liema akkuza qed tilliberah filwaqt li tiddecidi li tikkundannah komplessivament ghal akkuzi li sabitu hati taghhom, ghal piena karcerarja ta’ ghaxar [10] xhur.**

**Oltre dan, il-Qorti tikkundanna lil imputat ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex ihallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' Dottor Stephen Farrugia Sacco fl-ammont ta’ dsatax [19] il-lira maltin fi zmien xahar mill-lum, u fin-nuqqas dan l-ammont jigi awtomatikament konvertit fi prigunerija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------